MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2014

Numru. 298/2010

**Artikoli 17, 18, 121A, 184, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**TONIO GRIMA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **TONIO GRIMA,** ta' 36 sena bin il-mejjet Paul u Carmen nee' Sciberras, imwieled Pieta' fil-11 ta' Awwissu, 1973 u joqghod 'Sardinella', Flat 2, Triq il-Qannic, B'Kara u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 384573(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f'Jannar 2006 u fix-xhur ta' precedenti, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghen jew assista lill-awturi tad-delitt li bihom id-delitt gie kkunsmat, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' HSBC Bank Malta p.l.c.

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi (ghen jew assista lill-awturi tad-delitt li bihom id-delitt gie kkunsmat) ghamel uzu minn dokumenti foloz.

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti ta' dan is-sub-titolu, sabiex igieghel lil dik il-persuna tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat li hu mmarkat bhala Dok. MC1 u l-fedina penali li hi mmarkata bhala Dok. MC2.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali datati 10 ta' Mejju, 2011 li jinsabu inseriti fl-atti a fol. 129 tal-process u liema artikoli gew moqrija fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2011.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta nhar it-8 ta' Mejju, 2014.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-hmistax (15) ta' Settembru 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk ried, seta' rega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-hmistax (15) ta' Settembru 2014.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 17, 18, 121A, 184, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, <u>il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat TONIO GRIMA hati tal-akkuzi fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah piena karcerarja ta' sentejn liema perjodu qed jigi sospiz ghal perjodu ta' tliet snin mil-lum ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.</u>**

**<u>Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li jonqos li josservaha.</u>**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------